Ref Nru: 32

Il-minuti tat-tnejn u tletin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar l-Erbgha 1 t' April 2015, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2015.

2.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2015 li s-Segretarja Ezekuttiva ppreparat. Hija tat spejazzjoni tieghu. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2015.

## 3 Approvazzjoni tal-Business Plan 2015-2017.

3.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2015-2017. Is-Segretarja tat spejgazzjoni ta' din il-lista. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

**4 Approvazzjoni tas-schedule of payments**

4.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 1/2015, SP 2/2015, SP 3/2015, SP 4/2015 u SP 5/2015 Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

Giet diskussa xi materji ohra:

Is-Sindku semma li x-xoghol fil-*ground* tal-*football* sar. Huwa semma li sar it-thammil ghal fejn ser isiru d-*dressing rooms* kif kien gie diskuss f'laqgha tal-Kunsill. Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ihallas skond il-qisien tal-Perit u mhux skont dawk tal-kuntrattur.

Is-Sindku semma li l-Kunsill ghad baqalu diversi kontijiet pendenti minn ta' zewg persuni, li jkopru ta' diversi snin ta' qabel u li bicciet minnhom huma minn ta' Kunsill precedenti. Huwa semma li dawn hasbu li mhux ser jithallsu izda s-Sindku qal li dan mhux il-kaz. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa jrid jiccara xi punti fejn qal li qabel l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' tlett snin ilu, thallsu l-bicca l-kbira tal-kontijiet li kellu l-Kunsill izda ma kienx hemm kontijiet ta' dawn il-persuni. Huwa semma wkoll li l-Kunsill ma kien rcieva ebda kontijiet dwar ix-xoghol ta' *resurfacing* ta' Triq Santa Marija tal-Qala u Triq is-Salib qabel l-elezzjoni u semma li lanqas li kieku ghax dimment li x-xoghol ma sarx sewwa dan mhux ser jithallas.

Gie trattat rapport ippreparat mill-Perit Edward Scerri dwar l-offerti ghar-*resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar. Huwa semma li l-offerta ta' Salvu Camilleri and Sons Ltd., barra li hija l-ohros offerta hija *administratively* u *technically compliant*. Ghalhekk il-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula l-offerta ta' Salvu Camilleri and Sons Ltd.

Giet trattata *memo* 4/2015 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela dwar Kumitat tal-Finanzi. Il-Kunsill iddecida li peress li ser isiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali dalwaqt, din il-*memo* ghandha tigi diskussa fil-Kunsill Lokali l-gdid.

Notifika t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza EC/00019/15, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Ittra mibghuta minn Yoanne Muscat mill-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar kopja tal-avviz tad-decizjoni dwar l-applikazzjoni ghal-permess ta' zvilupp bin-numru PA/04811/10 ghat-tigdid tal-permess PA 3105/05 ghal tqattieh tal-blat tal-qawwi, limiti l-Qala.

Il-laqgha ntemmet fis-5:45 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 24 t' April 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |